**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Isml

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 07/15. | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 02/07/15 fis-6.35pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti fi 7.50pm |
| | | Joan Agius | Preżenti |
| | | Claude Camilleri | Skużata |
| | | Raymond Caruana | Skużata |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Skużata |
| | | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

| **07. 1.** | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 1. 1 | | Proponent: Joe Hales<br>Sekondant: Sean Chircop | Il-Minuti 06/15 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korezzjonijiet kif ġej | |
| | 06.7.1 | Isir korrezzjoni u taqra hekk: Abela u Caruana qablu mal-prinċipju tal-proġett iżda ma jaqblux ma fejn huwa propost li jsir dan il-proġett peress li hija zona ODZ. | | |
| | 06.2.7 | Flok il-kliem ma' gietx imnizzla korretta jinbidlu għal il-Viċi Sindku ma kientx infurmata b'din il-korrezzjoni. | | |
| | | Il-Viċi Sindku talbet sabiex jitnizlu żewġ attivitajiet li saru fi 8 u fl-10 ta' Ġunju fejn żaru lill-anzjani fi St Vincent De Paule. | | |
| 07. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

| **07. 2.** | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07 2 1 | 06.3.7 | Hales: Parking Bays fi Triq Dun Gwann Farrugia | Hales informa lil Kunsill li nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju ser isir laqgħa mal-Koptasin fejn ser jiġu diskussi l-prezzijiet biex isiru l-parking bays fi Triq Dun Gwann Farrugia. | |
| 07 2 2 | 06.3.2 | Chircop: Memo 11/2015 | Chircop informa lil Kunsill li l-applikazzjoni għal restawr tan-niċċa ta' San Guzepp intefgħet u rringrazzja lir-residenti tal-koperazzjoni tagħhom. Agius għandha tieħu ħsieb tara fejn waslet l-applikazzjoni. | Agius |
| 07 2 3 | 06.8.5 | ~~Viċi~~ Sindku: Triq San Girgor | Is-Sindku informa lil Kunsill li dwar Triq San Girgor biex ma jsirx parking hemm korrispondenza. | |
| 07 2 4 | 06.3.14 | Agius: Cultrual Activities Information Seminar | Agius infurmat lil Kunsill li dan is-seminar kien jiffoka fuq il-VAB. Hija infurmat li ser jiżdiedu l-flus għal Żejt iż-Żejtun. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 2 | 5 | 06.8.7 | Agius: Attivitajiet | Agius infurmat lil Kunsill li l-attivita ta' Sqallija li saret fi 7 ta' Ġunju kienet suċċess. Hija qalet ukoll li fl-attivita li saret fi 13 ta' Ġunju ma daħlux il-Palazz għax id-dħul kien għoli imma xorta kienet attivita tajba. | |
| 07 | 2 | 6 | 06.8.8 | Agius: Fuljett Ħajja Mimlija Saħħa f'Ambjent b'Saħħtu | Agius infurmat lil Kunsill li l-fuljett tqassam l-iskola u li issa jonqos id-DVD. | |
| 07 | 2 | 7 | 06.8.10 | Agius: Attivitajiet | Agius fakkret fl-attivita ta' Gaffiero li ser isir fil-5 ta' Lulju u fl-attivita l-oħra li ser isir fil-11 ta' Lulju fejn ser imorru Ġurnata Etna Land. | |
| 07 | 2 | 8 | 06.8.12 | Viċi Sindku: Anzjani Zejtun Home | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li t-trasport ġie provdut u l-anzjani ħadu gost u apprezzaw din l-inizjattiva. | |
| 07 | 2 | 9 | 06.8.14 | Viċi Sindku: A+ Accesibility Award | Il-Viċi Sindku ipproponiet li x-xogħol li ser isir fuq il-bankina fi Triq Santu Wistin, jista' jikwalifika biex dan il-proġett jiġi sottomess għal A+ Accesibility Award. Il-Kunsill qabel nem.con | |
| **07** | **3** | | | **Korrispondenza** | | |

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/15. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 1 | 05 | DLG: Memo 13/2015 | Il-Kunsill qabel li d-Dipartiment għandu jiġi nfurmat bil-proġetti tal-Kunsill | Segretarju |
| 07 | 3 | 2 | 06 | DLG: Memo 14/2015 | Il-Kunsill qabel li t-tweġiba lid-Dipartiment fuq nfiq fuq servizzi professjonali għandha tkun li l-nfiq tagħna huwa mill-inqas u fejn nistgħu ir-rapporti u site plans isiru *in house*. | Segretarju |
| 07 | 3 | 3 | 08 | Cathleen Grima - Health | Il-Kunsill ġie infurmat li nstab post alternattiva minn fejn joperraw, inkriet ir-Ramla Hall għal perijodu ta' 7 snin. | |
| 07 | 3 | 4 | 10 | Lorriane Callus - Roadshow Consumption of eating fish | Il-Kunsill ġie infurmat li nhar it-22 ta' Lulju intalab il-permess sabiex jarmaw fi Suq biex jippromwovu l-ikel tal-ħut. Il-Kunsill qabel li jagħti l-permess bil-ħlas. | Segretarju |
| 07 | 3 | 5 | 11 | Eman Farrugia - Talba għal refund fuq ħsara li ġarab fuq l-vettura | Il-Kunsill qabel li din it-talba għand titressaq lid-Dipartiment tad-Drenaġġ għax fejn saret il-ħsara huwa xogħol tagħhom. | Segretarju |
| 07 | 3 | 6 | 12 | TM: Talba għal reserved parking - Fr Anton Abela | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li ser tmur fuq il-post biex tara l-każ. | |
| 07 | 3 | 7 | 13 | TM: No Parking fil-parti ta' San Girgor bejn k/m Triq San Piju u k/m Triq Beland | Is-Sindku qara il-korrispondenza u l-Kunsill qabel li ser insaqsu fuq xi punti biex nivverifikaw x'qed jingħad. | |
| 07 | 3 | 8 | 15 | Hales: Monument tal-Ex Ministru Wisitn Abela | Il-Kunsill qabel nem.con li fejn jagħżel il-Kumitat għal Kunsill huwa tajjeb. Is-Segretarju mitlub jagħti tweġiba. | Segretarju |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 4. | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 4 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/15 | **Il-Kunsill qabel li ma jsirx il-ħlas lil Arms u lil OZO Security Services Ltd kif ukoll jinqata' minn fuq it-tabella tal-ħlasijiet, lill-Għaqda ta' l-Nar u lil Għaqda Banda Żejtun ser jintalbu jippreżentaw invoice oħra ta' Euro 60 għax dik li ġiet preżentata kien hemm żball, kif ukoll mat-tabella tal-ħlasijiet ikun hemm adenda ta' tlett kontijiet oħra ta' Nexos Street Lighting Inv No: 2010846/2010847/1285. Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 07/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 07 | 4 | 2 | | Sindku - Ringrazzjament | **Is-Sindku rringrazzja lil Kunsillier Hales għax induna li kien hemm żball fuq il-kontijiet tal-Arms u ġejna kumpensati.** | |
| 07 | 4 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 07/15 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 07. | 5 | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 07 | 5 | 1 | | Hales: Festa ta' Sta Katerina 2015 | Il-Kunsillier Hales irringrazzja lil kull minn għen biex il-festa tkun suċċess. | |
| 07 | 5 | 2 | | Hales: Kuntratt tal-Public Gardens / Soft Areas | Il-Kunsillier Hales informa lil Kunsill li l-Kuntrattur tal-Public Gardens / Soft Areas mhux qed jagħmel ix-xogħol tiegħu kif suppost. Mhux qed isir tisqija u fjuri imkien. Ingħata warning verbalment kemm il-darba. Segretarju intalab jitkeb lill-kuntrattur b'ittra registrata. | Segretarju |
| 07 | 5 | 3 | | Hales: Tindif fil-Kunsill | Il-Kunsillier Hales qajjem il-kwistjoni li waqt it-tindif fil-Kunsill qed jonqsu l-affarijiet. Il-carer ma tistax tinnota kollox. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata ċans ieħor u li ċertu partijiet mill-bini tal-Kunsill ma jsirux minnhu iżda mill-carer, kif ukoll iċ-ċwievet għandhom jinzammu mill-carer biss. | |
| 07 | 5 | 4 | | Chircop: Lejla Muziko Letterarja fi 6 ta' Lulju | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li fi 6 ta' Lulju ser titella' Lejla Muziko Letterarja fi Ġnien San Girgor. Ser isir kompetizzjoni tal-Inbid u ser jingħata premju lil aqwa għassara Zwieten. Huwa qal li ġie avviċinata biex din il-lejla tiġi imxandra fuq il-programm Melbourn 3 mill-Awstralja. | |
| 07 | 5 | 5 | | Chircop: Premju Frans Sammut | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li ser nerġgħu napplikaw għal premju Frans Sammut bil-proġett tal-Aħħar Ħbit, ktejjeb waqt l-attivitajiet u web site bil-Malti. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07 | 5 | 4 | Chircop - Arbli ta' dawl tal-Enemalta | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li fi Triq Giebja Rumana u fi Ġnien il-Qawsalla hemm arbli ta' dawl bil-wires mikxufa u għalkemm diġa ġew irrapurtati xorta ma ssewwewx. Il-Kunsill qabel li terġa tinġibed l-attenzzjoni tal-Enemalta fuq dawn il-każijiet. |
| 07 | 5 | 5 | Chircop: Kaxxa ta' Reserved Parking fi Triq M'Xlokk | Il-Kunsillier Chircop f'isem is-Sinjura Josephine Abela talab il-Kunsill biex il-kaxxa ta' reserved parking li għandha quddiem il-bieb tikber għaliex mhux qed ikun possibli minħabba il-wheelchair tidħol fil-karozza. |
| 07 | 5 | 6 | Chircop: Triq l-Isqof Zahra | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill bil-problema tat-traffiku li qed ikun hemm ta' kull filgħodu fi Triq l-Isqof Zahra fejn hemm il-parking fuq iż-żewġt naħat biex forsi isir xi ħaġa. |
| 07 | 5 | 7 | Chircop: Għarmar ta' kiosks f'Misraħ Carlo Diacono | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li f'Misraħ Carlo Diacono quddiem ir-residenza Primavera waqt il-festa għarmat xi gabana tal-ikel. Is-Sindku qal li l-unika gabana li kellha tarma f'Misrah Carlo Diacono kellha tkun fil-Bus Terminus. Is-Sindku ser ikellem lir-residenta. |
| 07 | 5 | 8 | Chircop - Mounment tal-Budaj | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li mal-Monument tal-Budaj hemm l-ittri nieqsa. Is-Sindku informa lil Kunsill li dawn saru minn Noel Farrugia u ser nerġaw inkellmuh biex dawn jerġgħu isiru. |
| 07 | 5 | 9 | Agius: Housing | Il-Kunsilliera Agius saqsiet jekk il-Kunsill irceviex xi korrispondenza mill-Housing fuq l-Amministratturi. Is-Segretarju informa lil Kunsill li l-aħħar korrispondenza li rċevejna ġiet mogħdija lil Agius |
| 07 | 5 | 10 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li l-Kids Club ser jibda isir nhar ta' Erbgħa, il-Water Sports ser jibda isir fil-ground u li l-Korsijiet ta' Sajf ser isiru fl-Arti u Artigjant. |
| 07 | 5 | 11 | Agius: Stedina mill-MTA | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li fuq stedeina tal-MTA ser jintuzaw ċertu attivitajiet u folklor għal kalendarju kif ukoll ser jiġu jieħdu xi ritratti. Meta ikunu ġejjien għandhom jinfurmaw il-Kunsill |
| 07 | 5 | 12 | Viċi Sindku: Parking ta' disabled ta' wara l-Knisja | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li kien hemm xi tisgwid fuq il-parking ta' disabled li hemm wara l-Kinsja. Hija proponiet li festa oħra ma jsirx għarmar ta' kiosks fuq il-parking ta' disabled. Is-Sindku qal li l-Każini ħadu ħafna mill-ispazju li hemm wara l-Knisja bl-għarmar tagħhom. Huwa propona li festa oħra niltaqgħu ma' tal-għarmar u l-każini. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07 | 5 | 13 | Viċi Sindku: Triq Santa Monika | Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Triq Santa Monika hemm xi ħofor. Is-Sindku propona biex dawn isiru. |
| 07 | 5 | 14 | Viċi Sindku: Seringi fi Trejqet il-Kebbies tal-Fanali | Il-Viċi Sindku ġiet infurmata li kien hemm xi seringi fi Trejqet il-Kebbies tal-Fanali. Is-Sindku qal li fuq dan il-każ ninfurmaw lil Pulizija. |
| 07 | 5 | 15 | Hales: Reserved Parking f'Misrah Wistin Abela | Il-Kunsillier Hales talab lil Kunsill li reserved parking bay li hemm f'Misrah Wistin Ablea faċċata ta' dar No:3 tiġi mċċaqalqa. Il-Kunsill ser jikkunsidra x'jista jsir. |
| 07 | 5 | 16 | Sindku: Child Care | Is-Sindku informa lil Kunsill li c-Child Day Care Centre qabad ir-rittmu ta' sajf. Is-sigħajt ta' Awissu diġa ingħataw lil Education. Agius talbet biex isir xi manutenzzjoni fl-sħur dawn tas-sajf. |
| 07 | 5 | 17 | Sindku: Gabana is-Sienja | Is-Sindku informa lil Kunsill li fl-aħħar ta' din is-sena ser jagħlaq il-kuntratt tal-gabbana is-Sienja. Kull minn għandu xi suġġerimenti huwa mitlub jagħdihom il-Kunsill. |
| 07 | 5 | 18 | Sindku: Triq tar-Ramla | Is-Sindku informa lil Kunsill li hemm problema bi Triq il-Bajja San Tumas f'dik il-parti li tmiss ma' Triq Strejnu għal Triq il-Bajja San Tumas proprja, għax mhux qed isibu t-triq. Is-Sindku talab li din tkun estensjoni ta' Triq ir-Ramla. Il-Kunsill qabel |
| 07 | 5 | 19 | Sindku: Tender Triq Strejnu | Is-Sindku informa lil Kunsill li t-tender fuq il-picnic area fi Triq Strejnu - xogħol tal-Gal kellna waħda biss, dik tas-Silvar Construction & Services Ltd. Il-prezz huwa wieħed ragonevoli li jsegwi il-budget għal dan il-proġett. Il-Kunsill approva. |
| 07 | 5 | 19 | Sindku: Tenders li ser joħorgu | Is-Sindku informa lil Kunsill li ser joħorġu erbgħa tenders waħda tal-Perit, oħra tal-Accountant, oħra Kuntratt tal-bankini u l-oħra fuq Żejt iz-Żejtun li jagħlqu fi 17 t'Awwissu fi 1.30pm. |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv